MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Numru 454/2005

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Darren Sultana, iben Anthony,
imwieled Pieta' fit-2 ta' frar, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-31 ta' marzu, 2005 għal ħabta tal-5.00 p.m. f'Marsaskala dolozament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Paolo Sapiano f'perikolu ċar wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi permezz tal-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni ABL 034, tal-għamla Toyota Glanza, saq għal fuq Paolo Sapiano u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi skond ma ċċertifika Dr. Thomas Armatys M.D. ta' l-Isptar San Luqa u Dr. Alec Sultana M.D. minn St. James Hospital, liema

delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti kkaġuna ħsara f'diversi vetturi u cioe' fil-vettura Toyota Vitz, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBP 715, għad-dannu ta' Paul Sapiano, fil-vettura Bedford Plaxton, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBY 643, għad-dannu ta' Angelo Spiteri u fil-vettura Seat Terra, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBB 902, għad-dannu ta' Carmelo Degabriele;
3. talli fl-istess data, lok u ħin saq il-vettura Toyota Glanza, bin-numru tar-reġistrazzjoni ABL 034, b'ġiri aktar milli jmiss, bi traskuraġni u b'manjiera perikoluża.
Għaldaqstant, il-prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mill-liċenżji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax il-xahar;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skond il-liġi tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' Paul Sapiano u tal-familja tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat li l-parte ċivile ħafret lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' settembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(a)(d), 325(1)(a) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat u il-fedina penali netta. Tikkundannah għal piena ta' tmintax

il-xahar priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu.  Kif ukoll mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------